L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum it-**Tnejn, 21 ta' Dicembru, 2020** fid-09:00 a.m. fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi. Deher Dr. Peter Caruana Galizia.

L-Onor. Imhallef Abigail Lofaro ghamlet dikjarazzjoni.

L-Onor. Imhallef Emeritus Michael Mallia u l-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino filwaqt illi jirrispettaw id-decizjoni illi hadet il-kollega taghhom l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro, jiddikjaraw bl-aktar mod kategoriku u inekwivoku illi huma ghandhom piena fiducja fl-integrita', onesta', kapacita' u imparzjalita' professjonali tal-Imhallef Abigail Lofaro.

L-Avukati Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi ghall-familja u fil-presenza ta' Dr. Peter Caruana Galizia u kif ukoll diretti mill-familja jiehdu nota tad-dikjarazzjoni maghmulha mill-Onorevoli Imhallef Lofaro u jiddikjaraw li huma ghandhom fiducja shiha fl-indipendenza, imparzjalita; u integrita' tal-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro u fil-Bord kif kompost.

Il-Bord jinnota illi l-Avukat tal-Istat ma kienx avzat ghas-seduta tallum peress illi din is-seduta kellha tinzamm bil-maghluq u fuq

talba tax-xhud kellu jkun hawn prezenti biss ir-rapprezentanti tal-familja. Ghalhekk jordna l-komunika ta' dan id-digriet u verbal lill-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat tal-Istat ghar-reazzjoni taghhom, kif ikun il-kaz.

L-Onor. Imhallef Abigail Lofaro allontanat ruhha mis-seduta.

Il-Bord wara li ha konjizzjoni tar-Regolamenti tal-Enquiries Act iddikjara illi ghandu quorum u jista' jkompli bis-seduta.

**Xhud anonimu** bil-Malti u bil-gurament jixhed.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Erbgha, 29 ta' Jannar 2021 fid-09.30 a.m.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta